**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 13

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 20 ta' April 2020

Minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti ta' COVID-19, il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn fit-3.30 ta' wara nofsinhar b'permezz ta' *Microsoft teams*. Din il-laqgħa saret onlajn in-regola ma' Direttiva 2/2020.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 12

13.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tnax il-laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

13.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

13.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-minuti ġew approvati unanimament. Naturalment peress li l-laqgħa saret onlajn dawn il-minuti ma setgħux jiġu ffirmati mill-ewwel waqt li qed issir is-seduta. Kif ittaffi s-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb jiffirmaw il-minuti.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv Pamela Borg flimkien mal-assistent prinċipal Dorianne Bonniċi Bondin tal-ħidma tagħhom biex ġiet sottomessa l-informazzjoni rikjesta minn Meusac relatata mal-applikazzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ taħt miżura 4.4 ferm qabel id-data tad-*deadline*. Huwa rringrazzja ukoll lil uffiċjal eżekuttiv Audrey Pace u l-iskrivan Andre Spiteri tal-ħidma u s-sapport li huma taw lis-Segretarju Eżekuttiv u lil assistent prinċipal fejn ħadu ħsieb il-komplament tax-xogħol l-ieħor fil-kunsill biex b'hekk is-segretarju Eżekuttiv u l-assistent prinċipal setgħu jaħdmu bla interruzzjonijiet fuq l-applikazjoni.

13.3.2 Is-Sur Dalli rringrazzja lil ħaddiema tal-kunsill George, Bjorn u Raymond tal-ħidma riċenti tagħhom. Riċentament dawn għenu billi ksew il-bankijiet pubbliċi madwar ir-raħal kollu u kif ukoll il-*play equipment* tal-bandli bil-plastik bħala prekawzzjoni kontra COVID-19. Il-Ħaddiema bdew ukoll jagħmlu xi xogħol ta' manutenzzjoni u tikħil mal-ħitan tal-ġnien kemm fuq ġewwa u kif ukoll fuq barra.

13.3.3 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li bdew ix-xogħlijiet ta' Infrastructure Malta fil-parti ta' fuq fi Triq Annibale Preca. Infrastructure Malta bdiet taħdem fuq il-qlugħ u t-tibdil tal-bankini u pajpijiet. Huwa nforma li l-ħaddiema li kienu fuq il-post jaħdmu qalaw anke l-islabs tal-bankina li dan ma kienx suppost. Pero huwa għamel kuntatt mal-perita nkarigatha mix-xogħol u fuq struzzjoni tagħha dawn l-islabs iridu jerġgħu jsiru kif kienu.

13.3.4 Is-Sindku qal li Infrastructure Malta anke bdiet biex xogħol ta' manutenzzjoni fi Triq Sir Ugo Mifsud fejn il-*housing estate*. Huwa kkonferma li x-xogħol tal-bdil fil-pajping fejn il-*housing estate* huwa lest u ssa l-ħaddiema ta' Infrastructure Malta ser jiproċedu biex jagħmlu bdil fil-pajping ta' Triq Sir Ugo Mifsud, il-barra mill-*housing estate*.

13.3.5 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li f'isem il-kunsill huwa talab għall-għajnuna tad-dipartiment tal-*cleansing* biex isir fumigar fir-raħal bħala prevenzjoni kontra t-tixrida ta' COVID-19. Huwa kkonferma li d-dipartiment tal-*cleansing* ta l-għajnuna tiegħu billi ffumiga l-pjazza Trasfigurazzjoni u z-zuntier, Vjal it-Trasfigurazzjoni kollha, il-ġnien Ċentru Rikreattiv u akwati oħra fil-viċinanzi. Is-Sur Dalli formalment rringrazzja lid-Dipartiment tal-*Cleansing* tal-għajnuna tiegħu.

13.3.6 Is-Sindku qal li l-kunsill wasal fil-fażi li b'permezz ta' fondi li ġew akkwistati u approvati mir-Reġjun Ċentru jsiru tmien (8) fanali oħra. Huwa qal li dawn ser isiru fl-ewwel ġimgħat ta' Mejju u huwa qed jissuġġerixxi li jsiru erba (4) fanali fi Triq id-Dejqa u erba(4) oħra fi Triq Enejja. Is-Sinjorina Farrugia staqsiet fejn ser ssiru dawn il-fanali fi Triq id-Dejqa u qalet ukoll li f'din it-triq m'hemmx biżejjed dawl. Is-sindku kkonferma li dawn il-fanali ser jitweħlu minnflok dawk eżistenti fuq parir tal-*electrician*.

## 13.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

13.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm pero s-sindku staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet żgħar li jista jwieġeb għalihom. Mistoqsijiet żgħar ma kienx hemm lanqas.

## 13.5 Korrispondenza

13.5.1 Il-kunsillier Cini għamel domanda fuq korrispondenza nru – 0233/20. Is-segretarju eżekuttiv nfurmatu li dik kienet korrispondenza bejn residenta u l-kunsill fuq ilment ta' toqba li hemm fi Triq Preziosi sqaq nru 2. Hija qalet li qed tieħu ħsieb dan il-każ u ser tiċċekja eżatt fl-liema parti ta' Triq Preziosi sqaq nru 2 qiegħda din it-toqba għaliex jekk tinsab fil-parti li ġejja *re-surfaced* it-triq mhux ideali li l-kunsill jaħli r-riżorsi tat-tarmac meta t-triq ser tingħata wiċċ ġdid dalwaqt.

13.5.2 Is-sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf dwar xix titratta korrispondenza nru – 0245/20. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik hija korrispondenza bejn il-kunsill u l-Arpa fejn il-kunsill għamel talba ma' Arpa ta' ħlas bil-quddiem inkonnessjoni mal-lewwel sejħa li għandu l-kunsill tal-ħitan tas-sejjieħ taħt miżura 4.4. Din it-talba għadha ma ġietx aċċettatha minn Arpa.

13.5.3 Is-sinjorina Farrugia għamlet domand fuq korrispondenza nru – 0250/20. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha li dik kienet imejl mibgħutha minn TM lil kunsilli lokali kollha fejn TM għamlet referenza għal ċirkulari 18 tal-2019 u qed jirtiraw ir-restrizzjonijiet fuq il-ħinijiet li fihom jistgħu jinħarġu permessi mill-kunsilli Lokali. Fiċ-ċirkustanzi preżenti ta' COVID-19 fejn l-iskejjel huma magħluqha u t-traffiku naqas drastikament permessi jistgħu jibdew jinħarġu qabel id-9:30am.

13.5.4 Is-Sur Zahra xtaq ikun jaf fuq xix titratta korrispondenza numru 0256/20 bit-titlu 'Ħruġ ta' dranaġġ fi Triq Nazju Cortis Ħal Lija'. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif daħal ilment mingħand resident li fi triq Nazju Cortis li ħiereġ id-dranaġġ mill-għelieqi li hemm fi Triq Nazju Cortis u għalhekk il-kunsill għamel ilment ma' WSC. Is-Sur Zahra qal li huwa qed jagħmel din il-mistoqsija għax ta' spiss iżur din l-akwata u qatt ma ra problemi ta' dranaġġ nfatti huwa ser jikkonferma dan malli jerġa jżur is-sit u ser iżżom lil kunsill aġġornat b'dak li jsib.

13.5.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda fuq korrispondenza nru – 0258/20. Is-Segretarju Eżekuttiv għarfitha li l-kunsill għamel rapport mal-BRO minħabba lment li rċieva fuq xi xogħol ta' kostruzzjoni li kien qed isir bla permess fi Triq Tal-Mirakli. Is-Sindku kkonferma dan u huwa qal li huwa mar personalment darbtejn fuq il-post rigward dan l-ilment u dan għaliex anke kien hemm inġenji fin-nofs tat-triq jagħlqu l-aċċess u anke kien qed isir xi xogħol kmieni ħafna. Is-Sur Dalli qal li ssa pero għandu d-dettalji tal-perit inkarigat mix-xogħol u huwa personalment kelmu biex kemm jista jkun jagħmel il-permessi kif suppost u biex anke jitnaqsu l-inkonvenjenzi lir-residenti li jgħixu fl-akwata.

13.5.6 Is-Sur Zahra għamel mistoqsija dwar korrispondenza nru 0265/20 bit-titlu 'Triq Preziosi'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik kienet imejl mingħand kumpanija biex tapplika għal permess ta' van ħabba xogħol ta' kostruzzjoni li ser isir fi 17 Triq Preziosi. Is-Sindku kkonferma dan u qal kif nfatti kien hemm xi lmenti mir-residenti dwar ix-xogħol li qed isir fuq dan is-sit u huwa anke ġie kkuntatjat mill-pulizija. Fil-verita din il-kumpanija ma kellix van fuq is-sit kif stqarret mal-kunsill iżda trakk kbir, li bilkemm għadha mit-triq u jaf anke laqgħat xi faċċatti tan-nies huwa u dieħel fit-triq. Pero ssa s-sindku qal li għamel kuntatt ma' din il-kumpanija fejn instab kompromess biex din għal kull darba li tkun ser tagħmel xi xogħol jew iġġib xi nġenji fit-triq tapplika għal permessi kif suppost skond struzzjonijiet mgħottija mill-kunsill.

## 13.6 Implementazzjoni ta' Sistema ta' telework u items oħra kkonċernati

13.6.1 Fuq bażi ta' konsultazjoni li saret mas-sindku, is-Segretarju Eżekuttiv uffiċjalment għarfet lil kunsilliera li minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti ta' *COVID-19*, l-assistent prinċipal is-sinjura Bonniċi Bondin ma baqgħetx tiġi taħdem mill-uffiċċju b'effett immedjat mill-1 ta' April 2020. Mill-1 ta' April 2020 is-sinjura Bonniċi Bondin bdiet taħdem mid-dar (*teleworking*).

13.6.2 Din l-informazzjoni kienet diġa ġiet kkomunikatha lil membri kollha b'permezz ta' imejl li bgħatet is-Segretarju Eżekuttiv b'ittra annessa tas-sinjura Bonniċi Bondin fejn hija talbet biex tingħatha l-permess li taħdem mid-dar. Din l-imejl flimkien mal-ittra kienu ġew mibgħutha nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020 u ġew approvati dakinhar stess mis-Sur Dalli, is-Sur Mallia, is-Sur Cini u s-Sinjorina Farrugia.

13.6.3 Fuq bażi ta' dan is-segretarju eżekuttiv żiedet tgħid li l-kunsill kellu jimplementa sistema ta' *telework* biex is-Sinjura Bonniċi Bondin ikollha r-riżorsi neċessarji biex tibqa taħdem b'mod normali daqs li kieku xorta baqgħet tidħol fl-uffiċju. Minkejja xi kumplikazzjonijiet tekniċi li kellu jħabbat wiċċu magħhom il-kunsill fil-bidu waqt l-installazzjoni ta' din is-sistema, s-Segretarju Eżekuttiv kkonfermat li filfatt ġiet implementatha '*Nas drive*' u kemm s-sinjorina Bonniċi Bondin u kif ukoll hija stess irnexxilhom jaħdmu biha u jaċċessaw il-files tax-xogħol mill-kumdita ta' darhom.

13.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif filfatt aktar tard fil-laqgħa fi sezzjoni 13.8, wieħed mill-pagamenti li qiegħed imniżżel fl-iskeda għall-approvazzjoni huwa propju dak ta' din l-installazjoni tas-sistema tat-telework, spiża totali ta' €1,038,40. Hawnhekk is-Sindku ssuġġerixxa biex issir talba bil-miktub mad-dipartiment tal-gvern lokali u l-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali biex ġentilment jagħtu l-għajnuna tagħhom u forsi jirrifondjaw lil kunsill din l-ispiża.

13.6.5 Ma' dan is-segretarju eżekuttiv żiedet tgħid ukoll li ttieħdu aktar miżuri ta' prekwazzjoni kontra COVID-19 li huma relatati ma' l-operat tal-kunsill. Fost dawn insibu bdil fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-kunsill matul il-ġimgħa. L-uffiċju tal-kunsill qed ikun miftuħ għan-nies fuq l-antriporta biss mit-8:00am sa 12:00pm. Minkejja li l-bieb qed jkun magħluq fi 12:00pm xorta waħda l-iskrivani qed jibqgħu jieħdu t-telefonati u jwieġbu l-imejls sat-3:00pm. Fejn huwa possibli l-komunikazzjoni mar-residenti qed ssir bl-imejl jew bit-telefon u ħlasijiet qed isiru onlajn biss.

13.6.6 Apparti minn hekk kemm jista jkun il-kunsill ser jibda jiprova jopera bi *skeleton staff* fejn l-impjegati (inkluż is-segretarju Eżekuttiv) joħduha i*n turns* biex għal ċertu jiem fil-ġimgħa xi ħadd jaħdem mid-dar u ħadd ieħor jaħdem mill-uffiċju jew viċe versa. Inxtraw ukoll żewġ *sim cards* li swew lil kunsill €20 biss biex min ikun qed jaħdem mid-dar faċilment xorta jkun jista jieħu xi telefonati tan-nies. Fuq dawn is-*sim cards* ġew diverted il-linji tat-telefons.

13.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan kollu huwa in-regola ma' Direttiva 2/2020 tad-dipartiment tal-gvern lokali biex tiġi ssalvagwardjatha s-saħħa ta' kulħadd kemm tal-impjegati bejniethom u kif ukoll tal-pubbliku. Hawnhekk is-Sindku faħħar lis-segretarju eżekuttiv tal-inizjattivi tajbin li hija ħadet fl-interess ta' kulħadd u b'mod li l-operat tal-kunsill ser jibqa jiffunzjona u mhux ser ikun affetwat fin-negattiv.

13.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex il-punti kollha ta' din is-sezzjoni jiġu uffiċjalment approvati. Il-Kunsill unanimament approva il-punti kollha ta' din is-sezzjoni fuq proposta tas-sindku s-Sur Dalli li kienet issekondatha mill-Viċi Sindku s-Sur Daniel Mallia.

## 13.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

13.7.1.1 ***Rimi ta' oġġett minn fuq il-lista tal-inventarju tal-kunsill***

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet għall-approvazjoni tal-kunsill biex jintrema oġġett li huwa mniżżel fuq il-lista tal-inventarju bi referenza 0E-71. Dan huwa *tower* ta' kompjuter li m'għadhux jaħdem.

13.7.1.2 Il-Kunsill unanimament approva dan.

13.7.2.1 Għeluq ta' kont bankarju – HSBC 011-056835-100

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sindku għarfu lil kunsilliera li l-kunsill għandu kont bankarju li m'għandux użu u dan iservi biss bħala *term deposit*. Dan il-kont għandu fih is-somma ta' €8,048.90 imġemma u qed jiġi ssuġġeriet li dan il-kont jingħalaq u l-flus jiġu trasferixxiti fil-kont prinċipali tal-kunsill.

13.7.2.2 Is-Sindku qal kif is-segretarju eżekuttiv għamlet tfittxija biex tinsab raġuni għalfejn fil-passat kien infetaħ dan il-kont billi ċemplet il-bank pero l-bank ma kellhomx din it-tip ta' informazzjoni. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li jaf dan il-kont infetaħ fil-passat bi skop li fih jiġġemmaw il-flus biex jiġi rranġat it-torri. Is-Sindku qal kif it-torri ssa ser jiġi rrestawrat mill-MTA.

13.7.2.3 Il-Kunsill unanimament approva li għandha tintbgħat ittra lil bank biex dan il-kont jingħalaq u s-somma li hemm fih tiġi trasferita fis-*savings account.*

13.7.3.1 Ittra – Kuntratt indefinit

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ittra li hija ħejjiet indirizzatha għas-sinjura Pace. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sinjura Pace se tagħlaq erba snin taħdem mal-kunsill ta' Ħal Lija u għalhekk b'permezz ta' din l-ittra hija uffiċjalment ser tkun qed tinforma lis-sinjura Pace li mis-16 ta' Mejju 2020 hija awtomatikament tingħata status indefinit fl-iskala ta' uffiċjal eżekuttiv.

13.7.3.2 Il-Kunsill unanimament approva din l-ittra.

13.7.4.1 <u>Approvazzjoni ta' kwotazzjoni ta' pompa ġnien fil-ġnien Ċentru Rikreattiv</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kwotazzjoni mingħand il-ġardinar biex tinbidel il-pompa li hemm fil-ġnien in-naħa fejn hemm il-funtana għal waħda ġdida. Din il-pompa hemm bżonna biex faċilment jissaqqew l-ixtieli fuq in-naħa ta' wara tal-ġnien (wara il-playing field) u l-*hedges* li hemm fi Triq Karlu Darmanin. Is-Segretarju Eżekuttiv tat *breakdown* tal-kwotazzjoni.

13.7.4.2 Il-Kunsil unanimament approva din il-kwotazzjoni.

13.7.5.1 <u>Ittra ta' approvazzjoni mingħand Reġjun Ċentru rigward Skema 2</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lis-sindku u lil kunsilliera li r-Reġjun Ċentru uffiċjalment bgħat ittra ta'approvazzjoni datata 24 ta' Marzu 2020 rigward l-applikazzjonijiet tal-għaqdiet li kienu ntgħażlu mill-kunsill biex bejnietom tinqasam iċ-ċifra ta' €2000 b'mod ugwali ta' skema 2 – Għajnuna għall-għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-kunsill Reġjonali Ċentru. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat din l-ittra.

13.7.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li l-għaqdiet li kienu ġew magħżulha biex jibbenifikaw minn din l-iskema kienu l-klabb tal-futbol Lija Athletic, Il-Każin San't Andrija u l-Mużew tas-subien. Hija staqsiet lil kunsill kif jixtieq jiproċedi l-quddiem biex jikkomunika din l-aħbar mal-għaqdiet kollha; kemm dawk li ġew magħżulha u kif ukoll ma' dawk li l-applikazzjoni tagħhom ma ngħtażlitx.

13.7.5.3 Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha tintbgħat ittra lil għaqdiet kollha. L-għaqdiet il-magħżulha għandhom jiġu mgħarrfa li l-applikazzjoni tagħhom ġiet aċċettatha u li huma għandhom jixtru l-apparat rikjest u jibgħatu kopji tal-kwotazzjonjiet, kontijiet tal-infiq u l-irċevuti fiskali relatati biex il-kunsill ikun jista jgħaddi kollox lir-reġjun u jirrifondi lura lil għaqdiet l-ispejjeż ikkonċernati.

13.7.5.4 Minn naħa l-oħra l-għaqdiet li l-applikazzjoni tagħhom ma ġietx aċċettata għal din is-sejħa għandhom jiġu nnotifikati b'dan u kif ukoll li l-kunsill ser iżomm l-applikazzjoni tagħhom għaliex fil-futur ir-Reġjun Ċentru jaf jerġa joħroġ din l-iskema u b'hekk ikun imiss lilom biex jibbenifikaw minn dawn il-fondi ta' għajnuna kif tinħareġ it-tieni sejħa.

13.7.5.5 Il-Kunsill unanimament approva dan u ser jiġu ppreparati dawn l-ittri mis-Segretarju Eżekuttiv.

13.7.6.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart (Perjodu Jan-Mar 2020)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan l-*item* kellu jiġi maqbuż għaliex l-*accountant* għadu ma ppreparax dan ir-rapport minħabba li għadt baqa xi *book keeping* xi jsir minn naħa tal-*accounting technician*.

13.7.7.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni tat-tender tal-ħitan tas-sejjieħ li ħarġet għat-tieni darba</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan l-*item* kellu jiġi maqbuż peress li l-evalwaturi ma laħqux evalwaw l-offerti sottomessti kollha għal din is-sejħa sad-data tal-laqgħa.

13.7.8.1 <u>Imejl mingħand il-pulizija bl-ilment fi Triq il-Kunċizzjoni</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda imejl mingħand il-pulizija dwar ilment li sar magħhom mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kunċizzjoni. Dan ir-resident talab lil pulizija biex huma jagħmlu kuntatt dirett mal-kunsill fejn jgħarfu lil kunsill biex fi Triq il-Kunċizzjoni tiżdied *sleeping police man* u jsiru aktar sinjali tat-traffiku. Ir-Resident qed jitlob dan sabiex sewwieqa jsuqu b'mod aktar diċenti u jiġi evitat il-periklu u aċċidenti ta' bla bżonn.

13.7.8.2 Is-Sindku spejga kif dan ir-resident kien diġa kellem lilu personalment u għalhekk ma jistax jifhem kif dan l-ilment wasal s'għand il-pulizija għax finalment il-pulizija kull ma jistgħu jagħmlu huwa ronda tal-akwata biex josservaw is-sewqan tal-vetturi.

13.7.8.3 Is-Sur Dalli tal-parir li jsiru aktar sinjali tat-traffiku fit-triq biex ikun hemm aktar indikazzjoni li sewwieqa m'għandhomx jsuqu bi veloċita qawwija. Huwa qal li hemm fejn isiru żewġ SLOWS oħra mal-art. Tabelli hemm biżżejjed u s-sindku żied jgħid li l-*isleeping policemen* kienet tneħħiet minħabba żewġ ilmenti, wieħed fuq storbju u ieħor fuq problema li qed iżżom l-ilma. Għalhekk din l-*isleeping policemen* mhux ideali li terġa ssir.

13.7.8.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li anke jista jsir sinjal tond bil-massimu ta' kilometri li wieħed jista jsuq huwa u jkun għaddej minn Triq il-Kunċizzjoni. Is-sindku għarrafa li diġa hemm sinjal hekk u jekk filkas mhux problema jiġi friskat ħalli jidher aktar.

13.7.8.5 Il-Kunsill unanimament qabel fuq dan u dawn is-sinjali ser jiżdiedu mal-lista tax-xogħlijiet pendenti.

13.7.9.1 <u>Talba għal *double yellow lines* fi Triq is-Salvatur</u>
Resident qed jressaq talba mal-kunsill biex jiżdied id-*double yellow line* li hemm eżistenti fejn dar numru 52, fi Triq is-Salvatur.

13.7.9.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u għandha ssir applikazzjoni ma' Transport Malta biex tingħata approvazzjoni għall-implementazzjoni ta' dawn il-linji.

13.7.10.1 <u>Katusa fi Triq Ġeraldu Azzopardi</u>
Sinjura li toqgħod fi Triq Ġeraldu Azzopardi rringrazzjat lil kunsill għax-xogħol li sar fuq il-kwistjoni tal-ilma. Issa hija tixtieq li jsir xi ħaġa fuq problema li hemm bi katusa ħierġa barra fuq il-bankina.

13.7.10.2 Is-sindku qal li huwa ma jafx min huwa l-propjetarju ta' din il-katusa u qal li l-kuntrattur li kien ġie fuq il-post u solva il-kwistjoni tal-ilma mill-ewwel ġibed l-attenzjoni tas-sindku li dik il-katusa mhux qiegħda kif suppost.

13.7.10.3 Għalhekk is-sindku talab għall-kunsens tal-kunsilliera biex huwa jerġa jkellem lil kuntrattur fejn jerġa jiġi fuq il-post ħalli jfiehem lil kunsill u lil din is-sinjura x'inhu l-użu ta' din il-katusa u jekk mhux qiegħda kif suppost ħalli jekk filkas titneħħa. Din il-katusa qiegħda ħierġa minn nofs il-bankina u jekk hija privata l-kunsill ser jitlob lis-sid biex jirranġaha huwa kif suppost.

13.7.10.4 Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan.

13.7.11.1 <u>*Traffic lights* fi Triq il-Mosta</u>
Sar ilment mas-sindku mingħand resident li l-*lights* li hemm fi Triq il-Mosta viċin taċ-ċimiterju u l-blockrete mhux qed jiffunzjonaw sew. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn diġa ġew rrapurtati diversi drabi lil TM u TM qalet li dawn tajjeb qed jaħdmu u m'għandhom xejn ħażin. TM kienet irrispondiet li t-*traffic lights* qabel jinqelbu għandhom waiting time ta' 2.5 il-minuta. Din hija sistema li tapplika għat-*traffic lights* kollha u TM propju ntroduċiet din is-sistema biex jitnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku minn toroq arterjali.

13.7.11.2 Minkejja din ir-risposta s-segretarju eżekuttiv qalet li l-kunsill riċenti reġgħa għamel rapport ma' TM la reġgħa daħal dan l-ilment u peress li dan ir-resident personalment avviċina lis-sindku. TM issa ġiet mitluba biex tara xorta jistax isir xi ħaġa għall-aħjar biex ma jdumux ma jinqelbu dawn il-*lights*.

13.7.11.3 Il-Kunsill ħa nota ta' dan. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li f'każ li TM terġa tagħti l-istess risposta hija qed tissuġerrixxi li l-kunsill jitlob lil TM biex mat-*traffic lights* almenu jweħlu avviż biex kull min jaqsam minn fuq dawn il-l*ights* ikun mgħarraf bil-ħin li huwa għandu jistenna biex jaqsam.

13.7.12.1 <u>Kontinwazzjoni ta' lment fi Triq Carmelo Farrugia dwar parkeġġ ħażin</u>
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet terġa titkellem fuq l-ilment fi Triq Carmelo Farrugia ta' parkeġġ illegali fuq *double yellow line* li qed isir ta' spiss u biex tara x'jista jsir biex forsi eventwalment din il-problema tittaffa.

13.7.12.2 Hija spjegat kif ir-resident li għamel l-ilment l-ewwel darba reġa għamel kuntatt magħha u staqsieha tgħidlu x'azzjoni ttieħdet mill-kunsill biex din il-problema tispiċċa. Is-Sinjorina Farrugia qaltlu biex jaqra l-minuti tal-kunsill u filfatt huwa hekk għamel, talab kopja tal-minuti lis-segretarju eżekuttiv.

13.7.12.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li r-resident ma kienx kuntent bid-deċiżjoni tal-kunsill u baqa jsostni li l-kunsill ma ħax azzjoni biżejjed. Hija qaltlu li l-kunsill ħa l-azzjoni neċessarja u saħansitra anke kien ordnalu tabella biex titweħħel mal-ħajt bħala ndikazzjoni li m'għandux isir parkeġġ li jkun ta' ostaklu, pero huwa kien rrifjutaha. Ir-resident qal li huwa rrifjutaha għaliex il-ħajt ta' quddiem id-*double line* li ġie ssuġġeriet biex miegħu teħel it-tabella mhux kollu propjeta tiegħu u huwa mhux ser iweħħel tabelli mal-ħitan tan-nies.

13.7.12.4 Fuq bażi ta' dan is-Sinjorina Farrugia baqgħet bil-ftehiem mar-resident li hija ser terġa tkellem lil kunsill biex tinsab alternattiva oħra u hija ssuġġerixxiet biex din it-tabella ssir fuq arblu ġol-kurduna tal-bankina kif jitweħlu tabelli oħrajn tat-traffiku bħal stop signs. Hija qalet li r-resident anke bgħattilha ritratti ta' poles ġol-bankina u anke saħansitra bollards li hemm fi lokalitajiet oħra taħt u kif ukoll fuq il-bankini, li dawn żgur ġew approvati minn TM. Għalhekk f'isem dan ir-resident hija qed tistaqsi għalfejn ma tistax ssir xi ħaġa simili.

13.7.12.5 Is-Sindku qal li min dakinhar li s-sinjura Farrugia nfurmat lil kunsill b'imejl li reġgħa għamel kuntatt magħha r-

resident dwar dan il-każ kien hemm żviluppi kbar. Is-Sindku qal li l-kunsill kollu kien qabel li *bollards* fit-triq ma jsirux għar-raġuni li kif din ssir kulħadd fir-raħal ġew jitlob waħda huwa ukoll. Barra minn hekk huwa qal li tabelli ta' stop signs u speed limit isiru fuq arblu fuq il-bankina biex ma jkunux ta' periklu għan-nies u huma xi ħaġa li bilfors iridu jitweħlu bħala ndikazzjoni konformi mal-liġijiet tat-traffiku. Bollard bħal ma qed jitlob r-resident fuq il-bankina jew taħta ma tistax issir għax jekk din ssir il-periklu ser ikun qed jiġi kkrejat u mhux evitat.

13.7.12.6 Is-Sindku qal li riċentament huwa ċempillu resident ieħor jilmenta bil-problema ta' parkeġġ ħażin u dan jagħmel użu mill-istess garaxx li juża ir-resident li riċenti reġgħa għamel kuntatt mas-sinjura Farrugia. Dan ir-resident ukoll isib problema biex idaħħal il-vettura fil-garaxx tiegħu meta jkun hemm karozza fuq id-*double yellow line*. Is-Sindku qal li huwa tħadded fit-tul ma' dan ir-resident fejn ta' spjegazzjoni kif huwa u nieżel minn fuq ir-rampa tal-garaxx qed tħoklu s-saqaf tal-vettura mal-għoli tal-garaxx u ma jistax jidħol minn naħa tar-rampa li hija aktar baxxa meta jkun hemm karozza ipparkjata eżatti mal-koxxa tal-entratura.

13.7.12.7 Is-Sindku ta parir lir-resident biex għalhekk personalment iġib perit biex jiġi fuq il-post u jagħmillu sketch ta kif tista tiġi rranġatha r-rampa u l-bankina b'talli mod li l-karozza ma tibqax tħokklu is-saqaf. Is-sindku baqa bil-ftehiem mar-resident biex din l-isketch huwa umbghad jagħtiha lil kunsill ħalli l-kunsill jgħaddiha lil perit tiegħu u f'każ li l-bankina hemm bżonn titbaxxa dik iħallas għaliha l-kunsill pero r-rampa tal-garaxx hija propjeta privata u dik irid iħallas għaliha s-sid.

13.7.12.8 Is-Sur Dalli reġgħa qal li huwa reġgħu ukoll informa lir-resident li jekk irid l-kunsill kien għamel tabella fuq pjanċa u jista jweħħilha pero r-resident qal li t-tabella hija kbira wisq biex teħel mal-faċċata. Allura il-kunsill għamillu tabella fuq karti A4 bil-letter head tal-kunsill laminated li tgħid no parking tow away zone 24/7 day and night. Is-Sindku wera din it-tabella lil kunsilliera. Huwa żied jgħid li ż-żewġ residenti li qed jilmentaw fuq parkeġġ ħażin u ostaklu huma kuntenti b'din it-tabella.

13.7.12.9 Din it-tabella ser tingħata bħala prova u jekk tkun ta' suċċess u biha ttaffi l-problema ta' parkeġġ il-kunsill bi parir legali ser jikkunsidra li din it-tabella ssir fissa fuq pjanċa ta' ċertu daqs. Il-Kunsill approva dan.

## 13.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

13.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 05 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €72.97 għax-xahar ta' Frar u €121.24 għax-xahar ta' Marzu, total b'kollox ta' €194.21.

13.8.2 Rigward il-*petty cash* is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif l-ammont ta' €72.97 għax-xahar ta' Frar kien diġa approvat fi seduta numru 12 pero minħabba l-pandemija ta' COVID-19 ma kienx possibli li jsir *withdrawal* ta' dan l-ammont mill-kont tal-kunsill. Dan għaliex il-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet u f'dawn iċ-ċirkustanzi huwa mpossibli li l-*withdrawal* tal-*petty cash* ssir minn fergħa oħra bħal dik tal-Mosta.

13.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dawn iż-żmienjiet koroh, kemm jista jkun hija tixtieq tevita li tmur f'postijiet pubbliċi bħal banek fejn jaf ikun hemm kjus twal ta' nies biex isir il-*withdrawal* tal-flus mill-kont tal-kunsill. Għalhekk għal fini ta' saħħa u sakemm tikkalma daqsxejn il-pandemija ta' COVID-19 hija flimkien mas-sindku ftehmu li alissa ċ-ċekkijiet tal-pettycash ser joħorġu fuq isem is-sindku. Alissa dan huwa l-unika metodu l-aktar sigur biex isir *withdrawal* tal-ammonti tal-*petty cash*.

13.8.4 Il-Kunsill unanimament approva dan.

13.8.5 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet ssekondata mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Naturalment peress li l-laqgħa saret onlajn l-iskeda tal-pagamenti nkluż ir-rapport tal-*petty cash* ma setgħux jiġu ffirmati mill-ewwel waqt li qed issir is-seduta. Kif ittaffi s-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb li dawn jiġu ffirmati.

## 13.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

13.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif riċentament iddaħlu żewġ applikazzjonijiet ġodda tal-awtorita tal-ippjanar u t-*town planner* ġiet mitluba biex tigwida lil kunsill dwar kif għandu joġġezzjona għaż-żewġ applikazzjoni. Dawn l-applikazzjonijiet huma:

- PA 02322/20 – 8, Triq Merino, Lija u
- PA 02225/20 – Preziosi c/w Triq il-Mosta, Lija

It-*town planner* ippreparat l-ittri ta' oġġezzjoni għaż-żewġ applikazzjonijiet. Dawn intbgħatu lil kunsilliera qabel il-laqgħa b'permezz ta' imejl. Il-kunsill approva ż-żewġ ittri.

13.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li l-kunsill ġie nnotifikat b'imejl mingħand l-Awtorita tal-ippjanar li kien hemm xi modifikazzjonijiet żgħar fuq l-applikazzjoni nru PA/09557/19 fi 58 Triq San't Andrija, Lija. Il-Kunsill kien diġa oġġezzjona għal din l-applikazzjoni u ssa l-applikant applika għal xi tibdil fil-faċċata. Is-Sinjorina Borg qalet li din l-imejl kienet ġiet mibgħutha lil kunsilliera u anke ntbgħatet lit-*town planner* biex tara x'inhuma dawn il-modifikazzjonijiet fl-applikazzjoni u taġġorna lil kunsill fejn anke tagħtina parir ta' jekk għandix ssir oġġezzjoni oħra addizjonali jew le. It-town planner bgħatet il-pjanti l-ġodda li ġew sottomessi.

13.9.3 Rigward dan din l-applikazzjoni PA/09557/19 is-Sindku qal li għandha nistaqsu lit-*town planner* jekk mhux bżonn li ssir it-tieni rappreżentazzjoni fuq bażi tal-modifikazzjoni u pjanti ġodda sottomessi mill-applikant.

13.9.4 Fuq nota oħra s-sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm xi aħbar ġdida fuq l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa fi Triq il-Forn kantuniera ma' Triq id-Dejqa. Kemm is-sindku u kif ukoll is-segretarju Eżekuttiv infurmawha li ma kienx hemm żviluppi ġodda dwar din l-applikazzjoni.

13.9.5 Is-Sindku żied jgħid li ma kien hemm l-ebda żviluppi ukoll fuq l-applikazzjoni fi Triq Fernand Gregh.

## 13.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

13.10.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

13.10.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li riċenti semgħat li TCTC qed joffru xi korsijiet edukattivi onlajn bil-ko-operazzjoni tal-kunsilli. Hija staqsiet lis-sindku u l-kunsilliera jekk isibux l-oġġezzjoni li jsir xi kors simili onlajn għar-residenti ta' Ħal Lija.

13.10.2.2 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u s-sinjorina Lorraine Farrugia għandha tagħmel kuntatt ma' TCTC, ġġib l-informazzjoni kollha relatata u tgħaddiha għall-attenzjoni tas-segretarju eżekuttiv. Is-Sindku hawn fakkar li wkoll qed jittellaw xi *videos* edukattivi fuq il-paġna ta' yousafe kkrejatha mill-AKL li huma aċċessibli għal kulħadd

13.10.3.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li n-naħa ta' Triq Kardinal Ferretti u Triq Santa Mansweta tweħlu xi arbli tad-dawl żejda. Is-Sindku kkonferma li dawn tweħlu biex isaħħu d-dawl tat-triq eżistenti. Is-Sinjorina Farrugia żiedet tgħid li l-unika problema hija li arblu minnhom diġa qiegħed mawweġ u jidher ta' periklu. Hija qalet li ser tieħu ritratt tiegħu u tibgħatu lil kunsill biex jiġi mgħoddi għall-attenzjoni ta' Enemalta. Is-sindku żied jgħid ukoll li f'din l-akwata ma' dawn l-arbli Enemalta weħlet ukoll bozza b'xejn.

13.10.3.2 Inkonnessjoni ma' l-istess suġġet is-sindku għarraf lil kunsilliera li fi Triq Daniel Sammut u Triq Carmelo Farrugia fejn telgħu blokok ġodda tal-bini, għal użu tal-istess binjiet, fiż-żewġ toroq fuq il-bankina tpoġġew xi kaxxi tal-eletriku. Huwa qal li huwa flimkien mas-segretarju eżekuttiv diġa ġibdu l-attenzjoni tal-enemalta bil-kelma it-tajba biex dawn jitneħħew għaliex huma ta' ostaklu u bihom ma jgħaddix *wheelchair* jew *pushchair* minn fuq il-bankina. Saħansitra s-sindku anke mar jieħu l-kejl tal-bankini li l-wiesgħa tagħhom naqset drastikament b'dawn il-kaxxi.

13.10.3.3 Is-Sindku żied jgħid li huwa anke għamel kuntatt mal-entita tal-persuni bi bżonnijiet speċjali fejn ma min tkellem ikkonfermalu li l-bankina ma tistax tiġi ostakulatha bi kaxxa tad-dawl u jrid jinsab post alternattiv ieħor għal dawn il-kaxxi. Din l-entita nfurmat lis-sindku li jekk dawn il-kaxxi jibqgħu ma jitneħħewx l-entita lesta tagħti s-sapport tagħha u tintervjeni hi billi takkonfronta lil Enemalta personalment.

13.10.3.4 Is-Sindku għamel l-aħħar punt tiegħu fejn informa lil kunsilliera li l-bozza li kienet approvatha fi seduta oħra preċedenti biex issir minħabba d-dlam ċappa li hemm fi Triq Carmelo Farrugia qiegħda fil-progress li ssir. Huwa spjega kif fi Triq Carmelo Farrugia fejn hemm ħsieb biex issir din il-bozza hemm *cabinet* u m'hemmx *wires* mal-ħitan biex din tiġi mqabda. Is-Sindku qal kif l-*electrician* talab lil kunsill biex jikteb lil Enemalta ħalli forsi jsir *on-site meeting* bejn l-*electrician* tal-kunsill u l-Enemalta ħalli tinsab soluzzjoni bejniethom ta' kif tista tiġi mqabda din il-bozza.

13.10.4 Il-laqgħa ntemmet fil-4:27pm.

13.10.5 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa terġa ssir onlajn fl-4:00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 19 ta' Mejju 2020.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |